MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru. 63/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**
**VS**
**PHILIP CAUCHI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Phililp Cauchi ta' 34 sena, iben Alfred u Doris nee' Grech, imwieled fit-12 ta' Mejju, 1970 fil-Pieta' u residenti John Rose Flats, Flat 101, Triq l-Istannar, Qawra, ID numru 221370M;

Talli f'dawn il-gzejjer nhar it-23 ta' Jannar, 2005 ghal habta ta' xi l-hdax neqsin kwart ta' bil-lejl gewwa Triq Dragunara San Giljan u / jew fil-vicinanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 419 Anton Buttigieg, inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-

servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb kontra PS 419 Anton Buttigieg, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u dan bi ksur ta’ l-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-gisem ta’ PS 419 Anton Buttigieg skond kif certifikat mit-tabib Dr R Wismayer MD ta’ l-Gzira Health Centre, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u ghajjat jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (M) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (d) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli m’obbdiex l-ordnijiet legittimi ta’ PS 419 Anton Buttigieg, persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijietu billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (e) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli sar recidiv b’sentenza ta’ l-Qorti ta’ nhar it-22 ta’ Jannar, 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ l-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-verbal tas-17 ta’ Frar, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat artikoli 95, 96, 221, 338 (M) (dd) u (ee) u 49 u 50 tal-Kap 9 u Artiklu 7 u 9 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sena, u dan taht probation officer li d-Direttur tal-probation services jidhirlu li huwa adekwat ghall-imputat, filwaqt li tikkundannah ghal multa ta’ mitejn lira li ghandha tithallas f’rati mensili fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------